MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 151/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Louise Anne Faure**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Louise Anne Faure, bint George u Elizabeth nee McLean, imwielda fid-9 ta’ Gunju 1971, numru tal-karta ta’ l-identita` 253071M talli fl-20 ta’ Jannar 2008 ghall-habta ta’ nofs il-lejl, bhala persuna li f’isimha ghandha il-licenzja ta’ *substitute* tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ “Empire”, li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ippermettiet tfal taht is-sittax-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ Mejju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Louise Ann Faure hatja skond l-imputazzjoni

dedotta kontra taghha u kkundannatha ghal "twissija u twiddiba" [recte: canfira u twiddiba]; il-parti relevanti tas-sentenza ta' l-ewwel qorti taqra hekk: *"Rat ir-regolament 18 ta' l-Avviz Legali 392/29 u tikkundannaha ghall-twissija u twiddiba."*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-26 ta' Mejju 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi kif ukoll lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2008; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti filli l-piena erogata mill-ewwel qorti ma kienitx, minhabba fix-xorta jew fil-kwantita` taghha, dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat li dwaru l-appellata Faure giet ikkundannta. Fi kliem iehor, l-Avukat Generali qed jirradika d-dritt ta' appell tieghu fuq is-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali.

Jinghad mill-ewwel li l-Avukat Generali ghandu ragun, ghalkemm, kif ser jintwera, id-disposizzjoni tal-ligi minnu citata bhala dik li tipprovdi ghall-piena ghar-reat in kwistjoni, ma hix korretta ghal kollox.

Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak kontemplat fir-regolament 6(1) tar-Regolamenti biex Jinzamm il-Bon-Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (A.L. 124/1995), u cioe` r-reat ta' min ihalli persuna taht l-eta` ta' 16-il sena tidhol gewwa lokalita` ta' divertiment, u mhux, kif erroneament irriteniet l-ewwel qorti, ir-reat kontemplat fir-regolament 18 tar-Regolamenti dwar Hwienet ghall-Bejgh ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spirituzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929), u cioe` r-reat ta' *licensee* jew *substitute* li jhalli tfal taht l-eta` ta' 16-il sena li jidhlu jew jitnikkru fil-bieb ta' bar jew lok iehor fejn ikun hemm impjegati nisa – dawk li dari konna nghidulhom "bar maids" – jew artisti. Ghalhekk in-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 ma ticcentra xejn f'dan il-kaz. Jinghad ukoll li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-

fatti – fl-udjenza tal-5 ta’ Settembru 2008 il-partijiet qablu li l-lokal “Empire” huwa fil-fatt “post ta’ divertiment” skond l-A.L. 124/1995; u mid-deposizzjoni ta’ P.S. 928 Ramon Mifsud Grech jirrizulta car li fil-gurnata u fil-hin in kwistjoni kien hemm tfajjel taht is-16-il sena fil-lokal fejn kienet tahdem bhala *substitute* l-appellata.

Pero`, kuntrarjament ghal dak li donnu qed jghid l-Avukat Generali, il-piena applikabbli ma tohrogx biss mir-regolament 6(4) – illum, wara l-emendi introdotti bl-A.L. 93/2008, il-paragrafu jew subregolament (4) sar (5) – tal-A.L. 124/1995 izda wkoll mir-regolament 15(1) ta’ dawn ir-Regolamenti. In fatti, ir-regolament 15(1) jipprovdi hekk:

“**15.** (1) Fil-kaz ta’ reati maghmulin minn proprjetarju jew l-impjegati tieghu kontra dawn ir-regolamenti, il-qorti ghandha meta ssib persuna hekk hatja twahhal multa ta’ mhux anqas minn erba’ mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn disa’ mija u wiehed u tletin euro u hamsa u sebghin centezmu (931.75), u fil-kaz li jerga’ jinsab hati ghat-tieni darba jew iktar, multa ta’ mhux anqas minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subregolament (2).”

Ir-regolament 6(5), invece, jipprovdi ghal piena addizjonali:

“(5) Kull proprjetarju li jonqos milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dan ir-regolament ikun hati ta’ reat u jista’, meta jinsab hati, jehel multa ta’ mitejn u tlieta u tletin euro ghal kull persuna taht l-età ta’ sittax-il sena misjuba fil-lokalità ta’ divertiment tieghu, b’zieda ma’ kull piena ohra li huwa jista’ jehel taht ir-regolament 15.”

L-appellata, ghalkemm kellha l-licenzja ta’ *substitute*, taqa’ fid-definizzjoni ta’ “proprjetarju” fir-regolament 2 tal-A.L. 124/1995, proprju ghax bhala *substitute* tkun il-persuna li effettivament qed “torganizza jew tmexxi d-divertiment jew…tkun responsabbli ghall-organizzazzjoni jew tmexxija

tieghu." Ir-reat in kwistjoni huwa wiehed ta' *strict liability* – l-imputat ma jistax jiddefendi ruhhu billi jghid li ma ndunax li l-persuna ta' taht l-eta` dahlet fil-lokal jew li gie ingannat mill-apparenza ta' dik il-persuna. Huwa proprju ghalhekk li l-imsemmi regolament 6(1) jezigi l-wiri tal-karta ta' l-identita` da parti ta' zghazagh li jkunu ghalqu s-sittax-il sena. Ghalkemm l-appellata, bhala imputata quddiem l-ewwel qorti, ma gietx formalment akkuzata li precedentement kisret ir-regolamenti in kwistjoni, jirrizulta, mill-fedina penali ezibita fl-ahhar udjenza, li fit-8 ta' Novembru 2007 hija giet misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li, bhala *substitute* fil-lokal in kwistjoni ppermettiet, f'zewg okkazjonijiet f'Awissu 2007, li tindaqq muzika amplifikata bi ksur tal-ligi (u giet ikkundannata ammenda ta' Lm25); u fit-30 ta' Lulju 2008 instabet hatja, minn din il-Qorti – Qorti ta' l-Appell Kriminali – diversament presjeduta, li fis-16 ta' Frar 2008 ippermettiet tfal taht is-16-il sena jidhlu fl-istess lokal (u giet ikkundannata multa ta' Euro 233). Jizdied jinghad li l-obbligu li jigi assigurat li ma jithallwex zghazagh taht l-eta` jidhlu fi stabbilimenti bhal dawk in kwistjoni huwa wiehed li ghandu jittiehed bl-akbar serjeta` minn kull min huwa b'xi mod responsabbli mill-gestjoni ta' dawn l-istabbilimenti, u mhux jittiehed b'leggerezza li hafna drabi tkun motivata minn konsiderazzjonijiet purament venali.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellata hatja skond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha, thassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannatha ghall-piena ta' "twissija u twiddiba" u minflok, wara li rat ir-regolamenti 6(1)(4) (kif kienu qabel l-emendi introdotti bl-A.L. 93/2008) u 15(1) tal-A.L. 124/1995, tikkundannaha ghall-multa komplessiva ta' disa' mitt ewro (Euro 900), konvertibbli f'sebgha w sebghin (77) jum prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------